Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2016.

Appell numru: 4/2014

**Eucharistico Gauci u martu Josephine Gauci** (appellati)

**Vs**

**Topserv (Gozo) Limited** (appellanti)

1. L-atturi harrku lill-konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €3,285.39, ammont li ssostni li thallas indebitament minnha wara l-bejgh u tqeghid ta' lift fil-blokk appartamenti Santa Maria, Triq iz-Zirzieb, Xlendi.

2. Il-konvenuta wiegbet:

    i. L-azzjoni hi preskritta (Art. 2156(f) tal-Kodici Civili).
    ii. M'hijiex debitur tal-atturi, li anzi ghandhom ihallsuha s-somma ta' €4,869.91.

3. B'sentenza tal-15 ta' Mejju 2015 it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni.

4. B'sentenza tal-5 ta' Jannar 2016, it-Tribunal cahad it-tieni eccezzjoni u laqa' t-talba tal-atturi.

5. Is-socjeta' konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

    i. Fir-rigward tal-preskrizzjoni, ghall-kaz in ezami japplika l-Artikolu 2156(f).
    ii. L-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili li ssemma fis-sentenza tat-Tribunal, ma japplikax ghal dan il-kaz ghaliex l-attur stess qal li iktar milli suppost ghaliex kellu l-hsieb li jaghmel it-tieni lift. Ghalhekk skont il-verzjoni tal-attur, dan m'huwiex kaz ta' hlas indebitu.

iii. It-Tribunal iddecieda li japplika l-Artikolu 1027 minghajr ma ta cans lill-konvenuta li tressaq provi biex tirribatti.

iv. Mill-provi li tressqu xorta jirrizulta li ghall-kaz ma japplikax l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

v. It-Tribunal zbalja li emmen il-verzjoni tal-attur.

6. L-atturi wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

7. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-att.

## 8. <u>Sentenza tal-15 ta' Mejju 2015.</u>

8.1 Il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra: *"Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta."*

8.2 It-Tribunal ikkonkluda li kien tal-fehma li l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ma japplikax ghaliex il-kawza hi wahda ta' *indebiti solutio*. Ghall-finijiet ta' azzjoni *indebiti solutio* hemm bzonn li min ihallas, ikun hallas bi **zball** (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza **Azzopardi et vs Ciantar et** tal-5 ta' Ottubru, 1998). Tant hu hekk li l-Artikolu 1027 jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' sentejn tibda tghaddi *"…. minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni **<u>jikxef l-izball.</u>**"*

8.3 Hu minnu li fl-avviz tat-talba, l-atturi jsostnu li l-hlas ta' €3,285.39 kien sar *"indebitament"*. Hu fatt li eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tigi ezaminata u deciza a bazi tal-pretensjoni tal-attur kif espressa fl-att promotur. Madankollu f'dan il-kaz meta xehed l-attur qabel inghatat is-sentenza preliminari, irrizulta li fir-realta' l-pretensjoni tal-atturi ma kinitx bazata fuq hlas bi zball. Fil-fatt l-attur xehed: *"Jiena dejjem kont bil-hsieb u bl-ideja illi **l-pagamenti li kont qed nghaddi kienu ghal zewg liftijiet mhux ghal wiehed.**"* (fol. 64). Ghalhekk il-pretensjoni tal-atturi m'ghandha x'taqsam xejn ma' zball, li fuqu tkun bazata l-azzjoni ta' *indebiti solutio*. Fir-realta' l-attur harrek lill-konvenuta sabiex jiehu lura l-flus zejda li jallega li hallas ghat-tieni lift, u li qatt ma giet installat. Dan ifisser li l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili ma japplikax.

8.4 F'kull kaz wara li t-Tribunal iddikjara li l-Artikolu 2156(f) ma japplikax ghall-kaz in ezami, ma kellux jikkunsidra jekk l-azzjoni kinitx preskritta *ai termini* tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili, gialdarba ma kienx hemm eccezzjoni f'dak is-sens. Inoltre, dak li jorbot fis-sentenza hi l-parti dispozittiva, li fiha m'hemmx riferenza ghall-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

8.5 Il-qorti lanqas ma taqbel mad-digriet li t-Tribunal ta fil-5 ta' Gunju 2015 (fol. 78) li bih cahad it-talba tal-konvenuta sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni hi preskritta skont l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili. Fid-digriet it-Tribunal qal: *"B'riferenza ghar-rikors tal-kumpannija konvenuta tat-3 ta' Gunju 2015, dan it-Tribunal wara li ra s-sentenza tieghu tal-15 ta' Mejju 2015, jichad it-talba stante illi l-preskrizzjoni fit-terminu tal-artikolu 1027 diga' giet trattata f'dik is-sentenza u gie deciz illi dik il-preskrizzjoni m'hijiex applikabbli."* Eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'ghandhiex tigi sollevata minn Tribunal u f'kull kaz fil-parti dispozittiva tas-sentenza t-Tribunal qal li kien qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li ma kienet taghmel ebda referenza ghall-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

8.6 Il-qorti taqbel mal-konvenuta li a bazi tal-pretensjoni tal-atturi kif spjegata mill-attur meta xehed, japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li jikkontempla preskrizzjoni ta' hames snin ghal dawk, *"…. l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditur iehor li gej minn…. jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar."* Ma jirrizultax li hemm xi preskrizzjoni ohra li tapplika ghall-pretensjoni tal-atturi. L-ahhar pagament sar fil-21 ta' Ottubru, 2008. Ghalhekk il-hames snin skadew f'Ottubru, 2013. L-azzjoni kienet prezentata fit-13 ta' Frar, 2014. L-atturi ma tawx prova li matul dawk il-hames snin sehhet x'interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Lanqas ma taw prova li wara li ghaddew hames snin mill-ahhar pagament, il-konvenuta rrinunzjat ghall-preskrizzjoni.

## 9. Sentenza tal-5 ta' Jannar 2016.

9.1 M'hemmx kontestazzjoni li l-prezz tal-lift kien €23,363.

9.2 Mid-dokumenti li pprezentaw l-atturi, jirrizulta li saru dawn il-hlasijiet:

- 19 ta' Frar 2007 - €8,552 (fol. 24);
- 16 ta' Marzu 2007 - €3,494 (fol. 27);
- 21 ta' Ottubru 2008 - €15,000 (fol. 28);

**Total €26,646.80**.

9.3 Il-konvenuta ssostni li meta sar l-ewwel pagament ta' €8,552 permezz ta' cekk, kienet tat lura lill-atturi s-somma ta' Lm2,000. F'ittra legali datata 4 ta' April 2013, qalet: *"Ic-cekk li qed issemmi ta' €8155.00 (Lm3500.00) kien inhareg f'isem il-klijent tieghi biss ai fini ta' proceduri ta' finanzjament maghmul favur Karistu Gauci mill-bank wara li l-klijent tieghek kien hareg cekk mill-bank f'isem l-istess klijent tieghi bil-pretest li dan kien se jhallas lilha. Pero' effettivament, mill-ammont imsarraf t-€8155.00 kien hemm l-*

*ammont ta' €4658.74 (Lm2,000.00) li gie ritornat lill-klijent tieghek."* (fol. 60)[1].

9.4 Meta sar l-ewwel pagament (19 ta' Frar 2007), m'hemmx prova li l-atturi nghataw ricevuta tal-hlas. Pero' jirrizulta li l-konvenuta harget kont ghas-somma ta' Lm3,500 (fol. 24). Meta sar it-tieni hlas (16 ta' Marzu, 2007) inghad li, *"In receipt of Lm1500 as deposit on Lift at Xlendi. Balance Lm8530.00."* Sussegwentement, fil-21 ta' Ottubru, 2008 sar l-ahhar pagament ta' €15,000.

9.5 Dwar il-verzjoni tal-konvenuta, il-qorti tosserva li:

(a) Hu minnu wkoll li skont Dok. EG2 (fol. 21), li jidher li hu ffirmat biss minn rapprezentant tal-konvenuta[2], il-prezz tal-lift kien Lm8,500 + Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Total – Lm10,030, cjoe' €23,363.61), minn liema ammont kellu jithallas depozitu ta' Lm1,500. Madankollu, fid-19 ta' Frar 2007 il-konvenuta harget kont ghall-hlas ta' Lm3,500 (€8,152.81), depozitu fuq il-lift. Tlett ijiem wara nhareg *bank draft* (APS Bank Limited) favur il-konvenuta ghal dik is-somma. M'hemmx prova tad-data meta dan ic-cekk inghata lil John Joseph Cefai. Mill-kopja tac-cekk (fol. 26) jirrizulta li fis-17 ta' Marzu 2007 kien depozitat mal-istess bank[3]. Hu minnu li sabiex il-konvenuta tirnexxi fid-difiza fil-meritu kellha tipprova li tat lill-attur Lm2,000 u li d-depozitu li rceviet kien ta' Lm1,500 biss.

(b) l-ewwel ricevuta li harget il-konvenuta hi datata 16 ta' Marzu 2007 ghas-somma ta' Lm1,500 u fiha jinghad li thalset bhala depozitu u li kien ghad fadal bilanc ta' **Lm8,530**. Dan jirrifletti proprju dak li jinghad fid-dokument a fol.21 relatat max-xiri tal-lift, cjoe' li jsir depozitu ta' Lm1,500. Hu veru li r-ricevuta nharget minghand il-konvenuta u fuqha ma jidhirx li hemm firma tal-atturi. Pero' dan id-dokument gie pprezentat mill-atturi. Probabbilment ir-ricevuta ilha ghand l-atturi mid-data li nharget. M'hemmx prova li fiz-zmien li ma kienx jezisti dizgwid l-atturi kienu pprotestaw li kien fadal bilanc inqas minn Lm8,530. Sahansitra, meta sar il-hlas ta' €15,000, il-kliem fuq ir-ricevuta *"in settlement of invoice/s no."* gie mhassar u thalla stampat il-kliem ***"on account"*** (fol. 28), li jfisser li kien ghad fadal x'jithallas lill-konvenuta. Fatt li ma jissemmix fis-sentenza tat-Tribunal. Ricevuta li nharget fil-21 ta' Ottubru, 2008, fi zmien meta ma kienx hemm dizgwid. Kieku l-pagament ta' €15,000 kien *in full and final settlement*,

[1] Ara wkoll affidavit ta' John Joseph Cefai (fol. 93).
[2] Pero m'hemmx kontestazzjoni li dak hu l-kuntratt tant li l-atturi pprezentaw id-dokument permezz ta' nota tat-12 ta' Marzu 2014 (fol. 16).
[3] Fatt konfermat mill-istess Cefai (fol. 93).

ir-ricevuta kellha tirrifletti dak l-istat ta' fatt u mhux li l-hlas kien ***"on account"***.

(c) sahansitra f'ittra legali datata 15 ta' April 2013, jigifieri kwazi hames snin wara li l-atturi ghamlu l-ahhar pagament, ipproponew li fi tmint ijiem issir *"…it-tlestija u l-kummissjonar tal-lift…."* M'huwiex verosimili li f'Ottubru 2008 l-atturi hallsu l-prezz kollu u iktar, meta kien ghad fadal xoghol x'isir.

(d) m'hemmx prova li l-atturi kienu ordnaw it-tieni lift. Hu veru li fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2014 l-attur xehed, *"Kien sar kuntratt bil-miktub fuq lift wiehed pero' imbaghad maz-zmien konna qbilna verbalment fuq it-tieni lift."* (fol. 64). Pero' fis-seduta ta' wara xehed: *"Kuntratt bil-miktub sar fuq lift wiehed (1)* ***pero' dakinhar stess*** *konna tkellimna u ftehmna fuq it-tieni (2) lift."* Verzjoni differenti minn dik li ta fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2014, meta qal li t-tieni ordni saret maz-zmien. Din id-differenza hi mportanti ghaliex titratta dwar meta suppost saret l-ordni. Dan meta tqis li l-attur xehed li meta kien qieghed jaghmel il-pagamenti, kellu l-hsieb li qieghed ihallas ghal zewg lifts u mhux wiehed (fol. 64). Dan biex jiggustifikaw ghalfejn isostni li hallas iktar mill-prezz ghal-lift wiehed. Iz-zmien meta saret l-ordni tat-tieni lift hi materja li dwarha l-attur kellu jkun konsistenti dwarha jekk ried jitwemmen li ghamel dawk il-pagamenti kollha ghal zewg lifts. Dan apparti li kieku sar ftehim dwar xiri ta' lift iehor, il-probabbilta hi li dik l-ordni kienet ukoll issir bil-miktub u mhux biss bil-fomm, kif l-attur qal li saret. Ghall-qorti ma jaghmilx sens li l-atturi jhallsu flus ghat-tieni lift meta m'hemmx provi konvincenti li saret ordni ghalih.

(e) L-attur xehed li c-cekk ta' Lm3,500 inghata lill-konvenuta fid-19 ta' Frar 2007 (fol. 85). Dan m'huwiex possibbli peress li l-*bill payable* hu datat 22 ta' Frar 2007. George Cefai xehed li nghata l-*bill payable* fis-16 ta' Marzu 2007 (fol. 93). Verzjoni li m'hijiex kontradetta. Fil-fatt mill-istess dokument (fol. 26) jirrizulta li l-ghada ddepozitah fl-istess bank. Ghalhekk jaghmel sens li fis-16 ta' Marzu 2007 il-konvenuta tat ricevuta lill-attur, cjoe' dik a fol. 27 u li fiha jinghad li thallas depozitu ta' €1,500.

(f) gialadarba d-depozitu kellu jkun ta' Lm1,500 u meqjus li ma giex ippruvat li kienet saret ordni ghat-tieni lift, il-qorti ma tista' ssib l-ebda raguni ghalfejn f'perjodu tant qasir l-atturi kienu ser ihallsu depozitu ta' Lm5,000[4] meta d-depozitu kellu jkun ta' Lm1,500 (ara dokument a fol. 21). Wiehed irid jiftakar li sa dak iz-zmien il-lift kien ghadu ma giex

[4] Fil-kont datat 19 ta' Frar 2007 jissemma depozitu ta' Lm3,500 u fl-ircevuta tas-16 ta' Marzu 2007 jissemma depozitu ta' Lm1,500.

installat u lanqas m'hemm prova li kien wasal ghand il-konvenuta. Mill-provi l-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn l-atturi kellhom ihallsu dawk il-flus kollha, kontra l-ftehim li kellhom il-partijiet. Fis-sentenza t-Tribunal naqas milli jirreferi ghad-dokument a fol. 21 li l-atturi stess iddeskrivewh bhala l-kuntratt.

10. Minn dak li nghad hawn fuq, il-qorti bla ezitazzjoni tikkonkludi li t-Tribunal kellu jasal ghall-konkluzjoni ghal kollox differenti. It-Tribunal emmen lill-atturi fuq il-fatt li:

10.1 Ma kienx hemm prova cara li l-konvenuta tat lura lill-atturi s-somma ta' Lm2,000 mill-bill payable ghas-somma ta' Lm3,500; u
10.2 Kien jistenna li l-atturi jiffirmaw ricevuta li rcevew is-somma ta' Lm2,000.

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li kien hemm provi li t-Tribunal naqas milli jqis jew jatihom importanza, li kellhom iwassluh ghall-konkluzjoni differenti.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell:**

1. **Thassar is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2015 u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.**

2. **Ghal kull buon fini thassar is-sentenza tal-5 ta' Jannar 2016 u minflok tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talba tal-atturi.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-atturi.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur